

L-ordinament ġuridiku Taljan jiprovo skema nazzjonali ta' kumpens għall-vittmi ta' delitt li hija magħmula minn serje ta' ligġijiet speċċali relatati mal-kumpens ta' delitti vjolenti u intenzjonali partikolari, iżda ma jipprevedix skema ġeneralta' ta' kumpens li tkun tirrigwarda l-vittmi tad-delitti kollha li l-Kodiċi Kriminali Taljan jindividwa u jikkwalifika bħala vjolenti u intenzjonali. B'mod partikolari, l-ordinament Taljan ma jiprovdix għal sistema ta' kumpens għad-delitti vjolenti u intenzjonali tal-imsejħa "kriminalità komuni" li ma humiex koperti mil-ligġijiet speċċali.

Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2004/80/KE.

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' kupens għal vittmi ta' delitti (Edizzjoni Specċali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 65).

**Appell ippreżżentat fis-27 ta' Diċembru 2014 minn Alcoa Trasformazioni Srl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) fis-16 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża T-77/10, Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-604/14 P)**

**(2015/C 089/09)**

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

Appellant: Alcoa Trasformazioni Srl (rappreżentanti: O. W. Brouwer, T. Salonicco u M. Siragusa, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea*

**Talbiет**

- tannulla l-punti 50, 81 sa 90 u 92 tas-sentenza appellata u, għaldaqstant, is-sentenza appellata kollha kemm hi;
- tiddeċiedi definitivament it-tilwima u tannulla d-deċiżjoni kkontestata; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellant tqis li s-sentenza appellata hija żbaljata u li għalhekk għandha tiġi annullata għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Ż-naturament gravi tal-atti tal-proċess fir-rigward tal-konklużjoni żbaljata tad-deċiżjoni, ikkonfermata mill-Qorti Ġenerali, li l-miżura inkwistjoni bidlet sostanzjalment it-tariffa Alumix kif stabilita mid-Digriet tal-1995 u, għaldaqstant, ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE u tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-punti 81 sa 83 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġeneral interpretat b'mod żabaljat id-dispożizzjonijiet applikabbli għal dan il-każ u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni tal-Autorità per l'energia elettrica e il-gas Nru 204/99, li juri b'mod ċar u univokali li – anki wara l-introduzzjoni tal-komponenti kumpensatorja – it-tariffa Alumix ma nbidlitx sostanzjalment la fir-rigward tal-prezz nett tal-elettriku mħallas minn Alcoa u lanqas fir-rigward tal-finanzjament tal-mekkaniżmu li kien jigarantixxi dan il-prezz lill-Alcoa.

2. Ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, kuntradizzjoni mas-sentenzi mogħtija fil-Kawżi T-332/06 u C-149/09 P u żnaturament gravi tal-punt (b) tal-ewwel motiv imressqa minn Alcoa, dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tgħid li ma kienx meħtieġ li titwettaq analiżi ekonomika sabiex jintwera li l-miżura kienet tagħti vantaġġ ekonomiku lill-appellant. Is-sentenza tal-Qorti Ġeneral hija żabaljata sa fejn i) tikkontradixxi deċiżjonijiet preċedenti mogħtija dwar l-istess kwistjoni (T-332/06 u C-194/09 P); ii) fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE hija tfixxel żewġ kriterji li t-tnejn li huma huma neċċesarji sabiex ikun hemm ghajjuna, billi tikkonkludi l-eżistenza ta' vantaġġ għal Alcoa mis-sempli konstatazzjoni tan-natura Statali tar-riżorsi użati; iii) hija nieqsa minn motivazzjoni xierqa peress li ma nstabx li l-Kummissjoni kienet żabaljatament ippreżumiet li l-miżura tagħti vantaġġ lil Alcoa u għalhekk ma kinitx wettqet analiżi ekonomika xierqa biex tevalwa, jekk ikun il-każ, il-valur ta' dan il-vantaġġ.
3. Żball proċedurali minħabba d-deformazzjoni u l-iżnaturament mill-Qorti Ġeneral tat-tieni motiv ta' Alcoa u, konsegwentement, nuqqas ta' deċiżjoni u motivazzjoni żabaljata. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żabaljat fuq punt li Alcoa ma kinitx qajmet fir-rikors tagħha fl-ewwel istanza, filwaqt li naqset kompletament milli tiddeċiedi fuq il-punt essenzjali mqajjem minnha, jiġifieri li, anki jekk jitqies li kien ġie stabbilit vantaġġ ekonomiku, il-metodu użat mill-Kummissjoni biex tevalwa l-valur ta' dan il-vantaġġ kien żabaljat u wassal għas-sopralutazzjoni tal-ammont tal-ghajjnuna li għandha tiġi rkuprata.

---

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2014 minn Portovesme Srl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fis-16 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża T-291/11, Portovesme vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-606/14 P)

(2015/C 089/10)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Appellant: Portovesme Srl (rappreżentanti: G. Dore, M. Liberati, A. Vinci, F. Ciulli, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza kkontestata u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni kkontestata, billi tilqa' t-talbiet redatti fir-rikors tal-ewwel istanza (waqt li teskludi l-parti segwenti mis-sentenza: "jew parżjali sa fejn jitqies raġjonevoli" mill-ewwel punt tat-talbiet tagħha);
- sussidjarjament, tilqa' dan l-appell u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġeneral sabiex issir evalwazzjoni ġdida tar-rikors tal-ewwel istanza, waqt li żżomm il-motivi li ser jiġu invokati f'din l-istanza;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti quddiem iż-żewġ istanzi tal-qorti.